Minuti laqgħa 18. Kontinwazzjoni tal-laqgħa 17 li kienet laqgħa b'Urġenza tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Lulju 2014 fil-10.35 ta' fil-għodu fis-Sala tal-Komunita'.

Preżenti għal laqgħa:

| | |
|---|---|
| Saviour Borg | Sindku |
| Victor Cefai | Viċi Sindku |
| Horace Micallef | Kunsillier |
| Mario Mercieca | Kunsillier |
| Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Odette Camilleri | Segretarju Eżekuttiv |

Il-Perit John Saliba kien mistieden għal laqgħa.

Intqalet it-talba.

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

Is-Segretarja infurmat lil preżenti illi irċeviet *email* minn għand il-kuntrattur Joe Cauchi, fejn ikwota l-prezz ta' €3.20 *extra* għal kull metru kubu, sabiex it-terrapien l-imxarrab jitpoġġa fit-triq u wara li ssir it-tfittxija għal qabri ta' l-ilma ħelu jitgħabba fuq it-trukkijiet u jittieħed fid-*dumping sites*. Din bagħtitha lil Perit għal evalwazzjoni tiegħu. Is-Segretarja kompliet tgħid li l-prezz għat-tfittxija tal-qabri hu nkluż f'*Item 5* ta' l-offerta.

Il-Perit ta l-parir li l-prezz kwotat mill-kuntrattur hu raġjonevoli, għalhekk il-membri tal-Kunsill aċċettaw il-prezz mogħti. Il-Perit qal li għandha ssir sorveljanza kontinwa tat-terrapien imxarrab sabiex dan ikun jista' jitkejjel sabiex jitħallas il-kuntrattur. Il-Perit informa lil preżenti li l-*area* tal-Wied fiha madwar 1308 metri kwadri u għalhekk jekk jitħammel metru fond dan ma jaqbiżx il-1308 metri kubi.

Is-Sindku sostna li importanti li ma tinqabiżx il-10%, għax skond ir-regolamenti jekk tinqabeż l-10% trid terġa toħroġ offerta mill-ġdid. Il-Perit informa lil membri li jekk tinbidel xi kundizzjoni irid isir *minor amandement* ma Unit C fejn ukoll irid jiġi approvat mill-Eco-Serv.

Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu ikellem lil sid l-għalqa li qegħda biswit il-wied sabiex il-Kuntrattur ikun jista' jaħdem biex jerġa' jibni l-ħajt tas-sejjiegħ ta' mal-Wied. Il-Perit wieġeb li l-Kunsill għandu jġib il-permessi neċessarji minngħand is-sid. Il-Perit informa lil preżenti li l-ħajt tas-sejjiegħ jista' jsir fl-aħħar ħalli l-ewwel jitlesta x-xogħol li għalih il-Kunsill marbut biż-żmien u wara jinbena l-ħajt.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S.Borg

Il-membri qablu ma dan.

Kien hemm qbil fost il-membri li malli l-Kunsill ikollu risposta minn Unit C jiġi nfurmat il-Kuntrattur ħalli jinbeda x-xogħol minnufih.

Jekk il-Kunsill ma jkollux tweġiba minn Unit C, is-Sur Ħorace Micallef qal li jkun jista' jitkellem mad-Direttur Eco Gozo. Is-Sindku sostna wkoll li anki l-Eco Serv għandhom jagħmlu pressjoni ma Unit C. Il-Perit kompla jgħid li malli jkollu r-risposta mistennija minn Unit C, jinforma lil Kunsill.

Is-Sindku rringrazzja lil Perit.

Il-laqgħa ntemmet fil-10.50 ta' fil-għodu.

Saviour Borg
Sindku

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555